**15 ta' Marzu, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Michael Schiavone *et*

**Tixrid ta' Aħbarijiet Foloz - *Press Act***

*Ir-reati ta' tixrid ta' aħbarijiet foloz (artikolu 82 tal-Kodiċi Kriminali) u dak ta' pubblikazzjoni doluża ta' aħbarijiet foloz (artikolu 9 ta' l-Att dwar l-Istampa), għalkemm simili u huma diretti kontra attivitajiet tista' tgħid identiċi, nonostante huma distinti minn xulxin f'dik li hi portata. Infatti, filwaqt li taħt l-artikolu 82 tal-Kodiċi Kriminali t-tixrid ta' aħbarijiet foloz irid ikun tali li jista' jallarma lill-pubbliku jew jikser il-bon ordni Pubbliku jew il-paċi pubblika inkella jġib aġitazzjoni fost il-ubbliku jew fost xi klassijiet jew oħra tal-pubbliku, taħt l-artikolu 9 ta' l-Att dwar l-Istampa hu essenzjali li l-aħbarijiet foloz ikunu tali li jistgħu jallarmaw l-opinjoni pubblika jew jiddisturbaw il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku. Barra minn dan, taħt l-artikolu 9 msemmi jitqies li wieħed mexa dolożament kemm-il darba l-akkużat ma jippruvax illi qabel il-pubblikazzjoni huwa ħa l-passi meħtieġa biex jivverifika l-verità ta' l-aħbar liema presunzjoni ma tinkorrix fl-artikolu 82 tal-Kodiċi Kriminali.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza parzjali tagħha tat-2 ta' Frar, 1984 li biha kienet iddikjarat l-appell interpost mill-Avukat Ġenerali, irritu u null in kwantu dirett kontra l-appellat Mallia u limitatament kwantu jirrigwarda l-akkuża taħt l-artikolu 110 (2) (b) tal-Kap.

12 irritu u null ukoll fil-konfront ta' l-imputati Michael Schiavone, Mario Schiavone, Charles Grech Orr u Victor Aquilina fir-rigward ta' l-imputazzjoni taħt l-artikolu 9 ta' l-Att XL ta' l-1974;

Rat l-atti kollha relevanti u opportuni għal din l-imputazzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi kull ma baqa' jiġi deċiż f'dan l-appell hi l-ħtija o meno ta' l-appellati taħt l-artikolu 9 ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Istampa;

Illi hi rigward tar-reat ta' tixrid ta' aħbarijiet foloz il-liġi tagħna tipprevedi żewġ disposizzjonijiet, waħda taħt l-artikolu 82 tal-Kap. 12 u l-oħra taħt l-artikolu 9 ta' l-Att imsemmi ta' l-1974;

Dawn iż-żewġ artikoli tal-liġi, għalkemm simili u huma diretti kontra attivitajiet tista' tgħid identiċi nonostante huma distinti minn xulxin f'dik li hi portata. Infatti, filwaqt li taħt l-artikolu 82 tal-Kap. 12 it-tixrid ta' aħbarijiet foloz irid ikun ħati li jista' jallarma lill-pubbliku jew jikser il-bon ordni pubbliku jew il-paċi pubblika inkella li jġib aġitazzjoni fost il-pubbliku jew fost xi klassijiet jew oħra tal-pubbliku taħt l-artikolu 9 ta' l-Att dwar l-Istampa fir-reat in diżamina hu essenzjali li l-aħbarijiet foloz ikunu tali li jistgħu jallarmaw l-opinjoni pubblika jew jiddisturbaw il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku. Barra minn dan taħt l-artikolu 9 msemmi jitqies li wieħed mexa dolożament kemm-il darba l-akkużat ma jippruvax illi qabel il-pubblikazzjoni, huwa kien ħa l-passi meħtieġa biex jivverifika l-

verità ta' l-aħbar liema presunzjoni ma tirrikorrix fl-artikolu 82 tal-Kap. 12;

Ikkunsidrat:

Illi, wara li eżaminat bir-reqqa r-riżultanzi rilevanti mill-atti proċesswali u l-aggravji ta' l-appellant fir-rigward ta' din l-akkuża, din il-Qorti hi tal-fehma li, indipendentement minn jekk kinitx preċiża l-Ewwel Onorabbli Qorti meta qalet li l-prosekuzzjoni qablet li dan ir-reat ma kienx jirriżulta, ma hemmx biżżejjed biex a bażi tiegħu din il-Qorti tista' tirrevoka s-sentenza appellata u ssib lill-imputati appellata ħatja. Din il-konklużjoni din il-Qorti qed tasal għaliha partikolarment minħabba li ma tqisx li fil-każ in diżamina kien hemm xi aħbar falza li ġiet imxerrda. Wieħed irid iħares lejn is-sentenza tar-rapport u f'kull każ f'dan il-każ ir-rapport hu sostanzjalment korrett anke jekk hu veru li xi ftit perizallati kien hemm. Il-perizallati però isiru importanti jekk l-aħbar tkun falza u f'dan il-każ ma jistax jingħad li hi. Veru li ntefa' murtalett, veru li intefa' minn karozza li baqgħet sejra, veru li sploda fejn qalu l-gazzetti, veru li dak il-ħin kienu ħerġin persuni mill-*Meeting* tal-*Federation of Industries* u veru ukoll u din jista' jgħidha min għandu esperjenza tagħha aktar minn ħaddieħor li murtalett żgħir kemm hu żgħir anke jekk tal-musketterija jekk jisplodi ħdejn saqajk u ma tkunx qed tistennih jaħsdek u jaħsdek mhux ftit. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk mhux il-każ li l-Qorti teżamina l-aggravji l-oħra ta' l-appellant;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-parti rimanenti ta' l-appell li ma kinitx deċiża bis-sentenza preliminari tat-2 ta' Frar, 1984 billi tiċħad l-istess u konsegwentement anke fir-rigward ta' l-appellati rimanenti tikkonferma s-sentenza liberatorja ta' l-Ewwel Qorti.